


Sfaxxa Messaġġ Sigriet

# Gwida



minn **Franco Debono**
franco.debono@gov.mt

Il-baħħar qatt ma jilħaq il-kwiekeb iżda jużahom biex iwassluh fid-destinazzjoni tiegħu, biex imexxuh fid-direzzjoni t-tajba, minkejja li ma jilħaqhomx, jiggwidawh.

Gawdejna l-benefiċċji tal-baħar Mediterran li jċafċaf ma' xtutna iżda għarafna nbaħħru fl-ilmijiet imqallba meta ħabat għalina l-maltemp, għax kellna prinċipji sodi jiggwidawna. Għarafna min aħna u fhimna fiex nemmnu.

Pajjiżna mexa 'l quddiem permezz ta' mħuħ kreattivi, spirtu qawwi ta' imprenditorija, rieda u enerġija li nirnexxu f'dak li nagħmlu, ħaddiema bieżla li taw forma u li għaġnu fil-konkret l-ideat astratti. Ħtiġilna npattu għan-nuqqas ta' riżorsi naturali, bi mħuħ inventivi u dirgħajn bieżla.

Il-**Viżjoni 2015** tifrex pjanuri wesgħin għal min irid jimraħ. Viżjoni mibnija fuq id-determinazzjoni tagħna, bħala poplu, li nirnexxu, li nagħmlu suċċess, li nipprosperaw u li ma niddejqux nikkompetu minkejja ċ-ċokon tal-pajjiż. Viżjoni li tippermetti lil min għandu t-talent li jikkultivah u jkattru, u li ma tħarisx lejn il-limitazzjonijiet iżda tfittex li ssarraf il-potenzjal.

Viżjoni li hi l-katalist biex pajjiżna mhux biss iżomm mal-pass tal-bqija tad-dinja iżda jaspira li jkun qabilha, f'ċerti oqsma speċjalizzati bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-manifattura tas-servizzi, it-teknoloġija tal-informatika, it-turiżmu u l-ambjent, u Għawdex bħala gżira ekoloġika, fejn il-kisba tal-eċċellenza hi l-mira stabbilita.

Għal ħafna sekli, il-pożizzjoni ġeografika tagħna għamlitna l-fus tal-kummerċ internazzjonali, li evolviet fi tradizzjoni marittima eċċezzjonali, li għandna nkomplu nisfruttaw fil-qasam tal-loġistika tat-trasport u dik avvanzata. Pożizzjoni ġeografika li nisġet tant esperjenzi ta' ċiviltajiet, li għexu fuq din il-gżira, determinanti wkoll fl-iżvilupp ta' kultura tant rikka li sawret il-patrimonju tagħna u li hu tant importanti wkoll għall-industrija pilastru tat-turiżmu, iżda wkoll ta' karattru, li wara kollox sawruna u għamluna dak li aħna llum.

Irridu nikkultivaw aktar mentalità' professjonali, u nippromwovu l-ispeċjalizzazzjoni, nimirħu aktar fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, biex fid-dinja mgħaġġla globalizzata tal-lum mhux biss nimxu mal-pass tal-bqija iżda qabilhom, fix-xjenzi tas-saħħa, fis-servizzi edukattivi internazzjonali, fil-manifattura avvanzata, fosthom dik tal-farmaċewtika, fit-teknoloġija tal-informazzjoni, fit-turiżmu ta' kwalità, u fl-ambjent, fejn nagħtu dik il-qadfa żejda li tpoġġina pass qabel kulħadd.

Dan kollu ħareġ mill-preżentazzjoni tar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-**Viżjoni 2015** mill-kumpanija Amerikana Angelou Economics lill-Prim Ministru, il-Ministru tal-Finanzi u diversi rappreżentanti ta' entitajiet u li għaliha kelli x-xorti nattendi.

Laqatni intervent li għamel iċ-*Chairperson* tal-Fondazzjoni Maltija Klieb Gwida, li hi fondazzjoni mwaqqfa minn u għall-benefiċċju ta' persuni neqsin mid-dawl, fejn saħaq li din il-viżjoni għandu jipparteċipa fiha kulħadd u għandha tieħu f'konsiderazzjoni l-ħiliet u l-aspirazzjonijiet ta' kulħadd.

Il-**Viżjoni 2015** mhix biss kunċett ekonomiku iżda tifforma parti minn sinsla politika, imsaħħaħ b'dimensjoni soċjali. Min jifla\u0127 jiġri 'l quddiem għandu jitħalla, anzi jiġi inkoraġġit. Iżda, rukkell ieħor fis-sinsla politika tagħna hi li kulħadd għandu x'joffri u jikkontribwixxi u li ħadd m'għandu jitħalla jaqa' u jibqa' lura. Sinsla politika mibnija fuq il-valuri tas-solidarjetà, fuq il-valorizzazzjoni u r-rispett tal-individwu bħala bniedem shiħ fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet politiċi. Viżjoni li ma tistax titwettaq u tirnexxi jekk ma nagħrfux nivvalorizzaw il-kontribut ta' kulħadd.

Soċjetà inklusiva li għandha l-enerġija u ż-żelu li timxi 'l quddiem u li ma tikkuntenta b'xejn anqas mill-eċċellenza, konxja li dan ma tistax tiksbu jekk ma tifħimx il-ħiliet ta' kull individwu, u jekk minflok tħares lejn id-diżabbiltajiet.

Li fl-istess waqt tħares u tindokra 'l min ma jiflaħx dak ir-ritmu, biex b'hekk ħadd ma jibqa' lura u kulħadd jibbenefika mill-ġid iġġenerat li jitqassam b'ġustizzja soċjali u jipperkola fis-saffi kollha tas-soċjetà.

Filwaqt li nkomplu nikkultivaw sentiment ta' maturità politika, ngħożżu u nseddqu t-tolleranza u r-rispett lejn opinjonijiet diversi, billi naslu għad-deċiżjonijiet mhux b'impożizzjoni iżda nilħquhom b'parteċipazzjoni, u nirrisolvu t-tensjonijiet bejn pożizzjonijiet differenti kemm jista' jkun permezz ta' kompromess.

Billi nuru rispett lejn id-drittijiet u d-dinjità ta' xulxin u fuq kollox lejn l-ambjent ta' madwarna, il-ħolqien kollu kemm hu. Rispett u solidarjetà wkoll mal-ġenerazzjonijiet futuri u li jinsabu fil-pożizzjoni żvantaġġata li ma jistgħux isemmgħu leħinhom.

Dawn il-prinċipji politici, il-valuri soċjali u l-miri ekonomiċi għandhom jiggwidawna u jwassluna qawwijin u sħaħ fid-destinazzjoni 2015, biex minn hemm imbagħad nitilqu għal vjaġġ ieħor fil-mixja biex nilħqu l-milja tagħna bħala bnedmin.

media·link COMMUNICATIONS
NET RADIO101 il-mument IN-NAZZJON pin PUBLICATIONS informa Current Affairs Research Agency maltarightnow.com
www.radio101.com.mt www.maltarightnow.com